Segretarju Parlamentari
Onorevoli Membri Parlamentari
Kollegi
Sinjuri

Nilqagħkom għal din il-konferenza nazzjonali u nirringrazzjakom li aċċettajtu l-istedina tagħna.

Kif tafu, issa hija tradizzjoni konsolidata li l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità torganizza konferenza nazzjonali biex tfakkar il-Jum Dinji tal-Persuni b'Diżabilità.

In-Nazzjonijiet Uniti ta' kull sena tagħżel tema partikolari, u għal din is-sena għażlet it-tema "Empowering persons with disabilities and ensuring inclusiveness and equality", li hija abbinata mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jew kif magħrufa bil-Ingliż "Sustainable Development Goals".

Bl-istess mod, il-Kummissjoni ta' kull sena tagħżel tema partikolari għall-konferenza tagħha. Pereżempju s-sena l-oħra għażilna t-tema "Mhux kemm Ngħaddi, imma Nirnexxi". Din it-tema kienet titratta tliet pilastri tal-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs; l-Aċċessibilità, l-Edukazzjoni u x-Xogħol fejn anke ċċelebrajna 30 sena min meta twaqqfet il-Kummissjoni.

Għal din is-sena ħsibna li flok li niċċelebraw u niddiskutu biss, noħolqu inizjattiva li taf twassalna sabiex nibnu pont bejn is-settur tad-diżabilità u dak tan-negozju. B'hekk inkunu qed inlaqqgħu lis-settur soċjali ma' settur ferm importanti għall-ekonomija tal-pajjiż.

Din l-idea nibtet min artiklu li qasam kollega tiegħi dwar l-impjieg, il-persuni b'diżabilità u l-imprendituri. Minn dan l-artiklu dħalt f'sit elettroniku ferm interessanti, dak tal-British Disability Business Forum.

Dan huwa forum li jagħmel xogħol interessantissimu, dak li jlaqqa' l-imprendituri mal-persuni b'diżabilità, u b'hekk ifittex li tinħoloq pjattaforma li toħloq diskussjoni bejn iż-żewġ naħat bil-għan li s-settur tad-diżabilità jifhem l-isfidi li jiffaċċjaw in-negozjanti meta jiġi biex iħaddem l-inklużjoni u biex is-settur tan-negozju jifhmu l-isfidi tal-persuni b'diżabilità.

Nemmen li jekk mhux ser nifhmu lil xulxin, ser tkun aktar diffiċli biex naslu flimkien biex nagħmlu passi 'l quddiem li jkunu aktar effettivi minn dawk li diġa għamilna.

Dan il-ħsieb nebbaħna sabiex dan n-nofstanhar li ser ngħaddu flimkien illum naqsmuh b'mod li dan iż-żewġ dimensjonijet jitlaqqgħu flimkien sabiex flimkien iħarsu 'l quddiem għal futur li ma jeskludi la lil wieħed u lanqas lill-ieħor.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ħasbet li biex tippromwovi din l-għaqda, għandha tissieħeb ma' tlett korpi kostitwiti ewlenin f'pajjiżna. Dawn huma l-Malta Employers Association, il-Kamra tal-Kummerċ u l-GRTU. Ippermettuli nirringrazzjahom talli ingħaqdu magħna u għinuna b'mod attiv ħafna sabiex intellgħu din il-konferenza tal-llum. Fil-fatt, ħadu ħsieb imexxu u jippreparaw is-sessjonijiet tal-workshops li ser jibdew minn hawn u ftit ieħor.

Dawn mhux ser ikunu l-uniċi entitajiet li ser nistiednu jingħaqdu magħna biex nibnu l-Malta Disability Business Forum. Fil-fatt, fil-ġimgħat li ġejjin ser nistiednu korpi kostitwiti oħrajn, bħal unions tal-haddiema u anke għaqdiet mis-soċjetà ċivili li gejjin mis-settur tad-diżabilità. Din il-konferenza tallum għandha sservi biex tagħti togħma tal-inizjattivi li ser nkunu qed nieħdu aktar 'il quddiem.

Kien għalhekk aktar kmieni għidt li din is-sena ridna li nibdew mixja minflok intellgħu konferenza u nieqfu hemmhekk. Irridu nibdew mixja forsi b'passi żgħar iżda jekk nahdmu id f'id, nemmen li għad naslu nagħmlu passi ta' ġgant li jwassluna għal- riżultati li nemmen li jkunu mistħoqqa.

Aktar tard, wara l-workshops, il-kollega tiegħi Solange Bonello ser tispjega waħda mill-inizjattivi li ser nagħmlu biex nidentifikaw l-entrapriżi li jaħdmu favur l-inklużjoni bil-fatti u mhux bil-kliem biss.

Il-kriterji mhux ser tiktibhom il-Kummissjoni izda ser jiktibhom il-Forum li qed inhabbar dalghodu.